MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 97

18 ta' Ġunju 2018

Minuti tas-seduta Nru. 97 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn, 18 ta' Ġunju 2018 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti minbarra l-Kunsillier H. Fenech li ma setax jattendi minħabba raġunijiet ta' xogħol skont imejl li huwa bgħat eżattament qabel is-seduta. Il-Kunsillier kien tal-fehma li r-raġuni tiġġustifika l-assenza tiegħu.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trażmessa direttament bl-internet.

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-minuti tas-seduti Nri. 96 tas-26 ta' Mejju 2018, ġew approvati u ffirmati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernmentcms.gov.mt/en/lc/Mellieħa/Pages/Publications/Minutes.aspx

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

## 2.1.1. TVM *Road Show* (M/3/Vol III)

2.1.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 5.12.1. tas-seduta ta' qabel u għarrfet li l-programm imsemmi ser jittella' fuq l-istazzjoni televiżiv TVM2 fis-26 ta' Ġunju 2018. Ir-reklamar tiegħu diġa beda fuq il-mezzi ta' Public Broadcasting Services Ltd.

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.2.1. Sejħa għall-offerti dwar id-disinn u l-istampar tal-ktieb *"Mellieħa Through the Tides of Time / Il-Mellieħa mal-Milja taż-Żmien"* (P/4/5/Vol III)

2.2.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 10.1 tas-seduta preċedenti u qalet li l-editur tal-ktieb qed isib traduzzjonijiet mill-Ingliż għall-Malti li mhumiex aċċettabbli u

għaldaqstant qed ikollu jaqra t-test kollu u jikkoreġi fejn ikun meħtieġ. Minkejja li huwa qed jagħmel dan, jixtieq li jkun hemm persuni oħra li lesti jaraw it-test, anke wara li jkun raħ hu sabiex jiġi żkurat li jkun b'Malti tajjeb.

2.2.3. Il-Kunsill qabel li għanda tintalab l-assistenti mis-Sinjuri Edil Grima, Anthea Pisani, Stefan Borg, Steve Mifsud u Emma Burg.

## 2.3.1. Proġett *"Magna Żmien"* (I/1/2/Vol VII)

2.3.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat għas-serata msemmija hawn fuq li seħħet f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II fis-16 ta' Ġunju 2018 bħala parti mill-attivitajiet tal-Valletta 2018. Hija qalet li kienet attività interessanti ħafna b'udjenza ta' madwar 250 persuna. Is-Sinjura Brincat Stellini pproponiet li tintbagħat nota ta' ringrazzjament lill-promoturi tal-proġett.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 2.4.1. Ġbir tal-Iskart mit-toroq ewlenin (C/6/Vol VI)

2.4.2. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini ġibdet l-attenzjoni li xi operaturi ta' negożji fi Triq Ġorġ Borg Olivier u l-parti ta' ġewwa ta' Triq il-Kbira mhux qed joħorġu l-boroż tal-iskart fil-ħin, minkejja li f'dawn it-toroq partikulari jsiru żewġ ġabriet waħda qabel il-ħinijiet tal-ftuħ u oħra bejn l-10.00am u l-11.00am. Hija għaldaqstant ipproponiet li titqassam nota biex tfakkar dwar dan.

2.4.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

## 3.1.1. Baġits allokati mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-indafa pubblika (F/1/29)

3.1.2. Il-Kunsillier J. Gauci rrefera għall-minuta 3.3.1. tas-seduta preċedenti u talab sabiex fl-iskeda mogħtija, l-allokazzjoni li ngħatat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali titqabbel mal-baġit approvat mill-Kunsill f'Jannar 2018.

3.1.3. Is-Segretarju wieġeb li l-baġits approvati mill-Kunsill għas-servizz in kwistjoni kienu kif murija hawn taħt:

| **Servizz** | **Allokazzjoni mid-DLG (€)** | **Baġit approvat mill-Kunsill (€)** |
|---|---:|---:|
| Parki u Ġonna | 33,858 | 54,575 |
| Latrini Pubbliċi | 31,758 | 78,000 |
| Knis ta' Toroq | 119,473 | 45,000 |
| Tindif ta' Toroq Rurali | 66,368 | 27,000 |
| Immaniġġjar tal-Iskart | 261,711 | 111,919 |
| Hlas mitlub mill-WasteServ għar-rimi tal-iskart | 64,081 | 64,081 |

3.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.2.1. Festa ta' Lejlet San Ġwann tal-Ħġejjeġ (A/5/5/Vol IV )

3.2.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 7.2 u qalet li minħabba x-xogħlijiet li għaddejjin fi Triq Lewis Wettinger, mhux ser ikun possibbli li jingħalqu Triq il-Kbira u Triq Ġorġ Borg Olivier. Għaldaqstant il-bandu ser jgħaddi minn Triq Sant'Anna, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Triq it-Tramuntana, Triq l-Inkurunazzjoni, Misraħ iż-Żjara tal-Papa u jintemm f'Misraħ il-Parroċċa.

3.2.3. Il-Kunsill innota u approva l-arranġamenti msemmija fil-minuta 3.2.2.

### 3.3.1. Estensjoni tal-ħinijiet tal-karozzi tal-linja (T/5/1/Vol II)

3.3.1. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li waslulha lmenti li l-ħinijiet tal-aħħar karozzi tal-linja fuq ir-Rotot 41 (Valletta Ċirkewwa via B'Kara) u 42 (Valletta Ċirkewwa via Hamrun) qed jispiċċaw kmieni wisq u għalhekk ipproponiet li ssir talba lill-Transport Malta sabiex fix-xhur tas-sajf dawn jitilqu mill-Belt fil-11:00 pm u fil-kumplament tas-sena fl-10.30 pm. Hija qalet li bil-ħinijiet attwali tas-sajf, l-aħħar karozza qed titlaq mill-Belt fl-10:10 pm.

3.3.2. Il-Kunsill qabel li dan l-ilment għandu jinġieb għall-attenzjoni ta' Transport Malta.

### 3.4.1. *Pelican crossing* fi Triq il-Kbira (T/3/3/Vol V)

3.4.2. Il-Kunsillier J. Attard qal li qed ssir pressjoni sabiex tiġi ntrodotta *pellican crossing* fi Triq il-Kbira, fil-parti bejn Triq il-Mitħna l-Qadima u Triq Snajjin. Din id-domanda ġejja minn anzjani li jsibuha diffiċli li jaqsmu bla periklu, kif ukoll fid-dawl tal-fatt li l-*bus stop* li qabel kien hemm f'din il-parti tat-triq issa tneħħa.

3.4.3. Is-Sindku kkummenta li mhemmx spazju biżżejjed biex issir *pellican crossing* minħabba li din tiġi qrib il-kantunieri ma' Triq Ġorġ Borg Olivier u ma' Triq Franġisk Zahra, il-postijiet riżervati għall-ħatt u tagħbija u l-ispażju riżervat tal-U-Bet, flimkien mal-*bus bay* eżistenti, kantuniera ma' Triq tas-Salib. Apparti dan, *pelican crossing* twaqqaf it-traffiku u ma tkunx tidher għas-sewwieqa li jkunu telgħin minn Triq Ġorġ Borg Olivier.

3.4.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jsostni d-deċiżjoni tiegħu meħuda fis-Seduta 58 tat-30 ta' Ġunju 2016.

## 4.1. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 25/05/18 – 12/06/18
- *Purchase Request Form* – 16/06/18;
- Skeda ta' Pagamenti – 27/05/18 – 15/06/18;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Attività sportiva flimkien mal-Mellieħa Baseball & Softball Club (T/4/10/Vol III)

5.1.2. Sar aċċenn għal talba mill-Mellieħa Baseball and Softball Club sabiex il-Kunsill jissieħeb fl-organizzazzjoni tal-*Home Run Derby Competion* li ser issir fis-7 ta' Lulju 2018.

5.1.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jissieħeb fl-organizzazzjoni ta' dan l-avveniment sportiv sakemm l-involviment finanzjarju tiegħu ma jaċċedix €300.

### 5.2.1. Estensjoni tal-bankina fi Triq l-Għoljiet (T/4/10/Vol II)

5.2.2. Saret referenza għal applikazzjoni mressqa mill-proprjetarji ta' Billy's Bar & Restaurant sabiex jestendu il-bankina quddiem l-istess stabbiliment bil-għan li jitqiegħdu aktar imwejjed u siġġijiet flimkien ma' dawk diġa approvati permezz tal-permess PA 1126/14.

5.2.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm jitħalla passaġġ pedonali ta' 1.5 metri mit-tarf tal-bankina u l-għamara proposta.

### 5.3.1. PC 0049/18 – Bdil fil-linja tal-bini fi Triq is-Sifa k/m Triq il-Qamħ (P/5/8/Q)

5.3.2. Saret referenza għal applikazzjoni PC 0049/18 sabiex il-*front garden* tal-fond Nru. 104 jiġi ntegrat fil-linja tal-bini u hekk ikun jista' isir garaxx.

5.3.3. Il-Kunsill ra l-pjanti li kien hemm onlajn fis-sit elettroniku tal-Awtorità tal-Ippjanar u osserva li s-saqaf tal-garaxx propost li huwa propost fejn attwalment hemm il-*front garden*, mhux ser ikun għola mill-art tal-istess *front garden* eżistenti. Fid-dawl ta'dan, il-Kunsill kien tal-fehma li l-iżvilupp propost mhux ser jagħmel ebda differenza viżwali. Ġie osservat ukoll li diġa jeżisti preċedent simili fuq in-naħa l-oħra ta' Triq is-Sifa.

## 5.4.1. Introduzzjoni ta' *speed hump* fir-Ramla tat-Torri l-Abjad (T/3/2/Vol XV)

5.4.2. Saret referenza għal petizzjoni ffirmata minn102 persuna dwar is-suġġett t'hawn fuq.

5.4.3. Il-Kunsill qabel fil-prinċipju li għandhom isiru żewġ settijiet ta' *speed humps* fil-bajja. Kien hemm qbil ukoll li għandhom jiġu stabbiliti l-postijiet fejn dawn ikunu l-aktar effettiva.

## 5.5.1. Traġitt ta' vetturi kbar fi Triq Sant' Anna (T/3/2/Vol XV)

5.5.2. Saret referenza għal imejl datat 14 ta' Ġunju 2018, mibgħut mis-Sinjorina Sarah Spiteri sabiex jiġi pprojbit it-traġitt ta' vetturi kbar fi Triq Sant' Anna minħabba li qed issir ħsara fil-proprjetà. Intqal ukoll li l-ipparkjar ta' vetturi fuq naħa waħda tagħhom mhux qed iħalli spazju biżżejjed biex dawn jgħaddu.

5.5.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandha titwaħħal tabella fid-dħul għal Triq Sant' Anna li tindika l-għoli massimu tal-vetturi permissibbli, fil-kantuniera ma' Triq Ġorġ Borg Olivier.

## 5.6.1. Inċident dwar il-ħruq ta' *domes* tar-riċiklaġġ (K/6/2/Vol V )

5.6.2. Is-Segretarju rrefera għal inċident li jinvolvi il-ħruq ta' erba' *waste recycling domes* li kienu jinsabu fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi, liema inċident ġara nhar il-Ħadd 28 ta' Mejju 2017. L-istess inċident ġara għall-ħabta tas-7.15 am, skont ma ġie rrappurtat mill-Pulizija tal-Mellieħa, li marru fuq il-post flimkien mal-uffiċjali tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili li tfew in nar li tqabbad. Minn *camera* tas-sigurtà li hemm fuq il-post irriżulta, illi beda ħiereġ duħħan minn waħda mid-*domes* ftit minuti wara li wieħed mill-impjegati tal-kuntrattur responsabbli mill-ġbir tal-iskart domestiku mħallat, ħalla xi oġġett fiha.

5.6.3. Is-Sur C. Debono għarraf wkoll li l-istess kuntrattur kien qallu li għamel talba lill-kumpanija tal-assikurazzjoni li tkopriħ sabiex tagħmel tajjeb għad-danni sofferti. Wara li kompliet tiġi segwita din it-talba, il-Kunsill ġie nfurmat mill-*insurance brokers* tiegħu, li l-kuntrattur mhux kopert għat-tip ta' riskju in kwistjoni.

5.6.4. Fid-dawl ta' dawn il-fatti, u wara li ttieħed parir legali, il-kuntrattur ġie nfurmat li jeżistu tliet alternattivi għall-Kunsill biex jirkupra d-danni li sofra, ossija li:

(a) Jgħaddi direttament lill-Kunsill, permezz ta' *bank draft*, l-ammont ta' €3,964.80 li hija l-ispiża stmata sabiex jinxtraw id-*domes* li nqerdu, u hekk tiġi rilaxxjata l-garanzija G52TFC40620 mal-Bank of Valletta plc; jew

(b) L-ammont ta' €3,964.80 jinġibed mill-garanzija msemmija fil-paragrafu (a); jew

(c) Li l-Kunsill ikompli jmexxi l-każ mal-*insurers* tiegħu, li minn naħa tagħhom jibdew proċeduri sabiex jirkupraw l-ispejjeż minn naħa tagħhom, li jistgħu jinkludu wkoll spejjeż legali, imgħaxijiet, flimkien mat-taxxa tal-Qorti. F'dan il-każ, il-Kunsill jirriżerva dritt li jnaqqas l-*excess* marbut mal-polza tiegħu u spejjeż oħra, mill-garanzija bankarja G52TFC40620.

5.6.5. Fin-nuqqas ta' tweġiba minn naħa tal-kuntrattur fi żmien sebat'ijiem mid-data tan-notifika, il-Kunsill jipproċedi skont l-alternattiva (b) li hija meqjusa bħala l-inqas waħda li tinvolvi spejjeż għaż-żewġ naħat.

5.6.6. Il-Kunsill approva l-azzjoni li ttieħdet u talab illi jinżamm infurmat bl-iżviluppi.

## 5.7.1. *Adventure Race 2017* organizzata mill-Agones SFC (S/6/Vol VI)

5.7.2. Il-Viċi Sindku D. Vella rrefera għal imejl datat l-1 ta' Mejju 2018 mibgħut mill-Agone SFC, fejn għarrfu li fis-26 ta' Awwissu 2018 ser jorganizzaw is-Sitt Edizzjoni tal-*Adventure Race* f'Għajn Tuffieħa u fil-Mistra għall-karità. Apparti l-permess tal-Kunsill huma talbu l-għajnuna tiegħu sabiex jinxtraw it-trofej, xorb u frott lill-parteċipanti.

5.7.3. Il-Kunsill approva t-talba sakemm l-involviment tiegħu ma jkunx jaqbeż €150.

### 5.8.1. *Fitness Classes* fil-Park tal-Familja (S/4/1/5)

5.8.2. Il-Viċi Sindku D. Vella rrefera għal imejl data 18 ta' Ġunju 2018 mibgħut mis-Sinjorina Ritienne Zahra li attwalment qed tikkordina *fitness classes* fiċ-Ċentru Parrokkjali. Hija għarrfet li l-istudenti tagħha jixtiequ jkomplu l-kors fil-*multi-purpose court* tal-Park tal-Familja matul ix-xhur tas-sajf.

5.8.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm l-użu tal-faċilitajiet ikunu bil-ħlas peress li l-istudenti se jkunu qegħdin iħallsu tal-kors, kif isir fir-rigward tal-kors taż-żumba.

### 5.9.1. Premjijiet Nazzjonali għall-Appoġġ lill-Intrapriza 2018 (F/1/7/Vol III)

5.9.1. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal ittra data 14 ta' Ġunju 2018 mibgħuta mid-Dipartiment tal-Kummerċ, fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li ngħata tieni premju li jammonta għall-€6,000, a bażi tal-ħidma tiegħu favur it-tkattir tal-kummerċ fuq bażi lokali.

5.9.2. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.10.1. Sistema ta' *one-way* f'Misraħ il-Parroċċa u Triq il-Mellieħa, Manikata (T/3/2/Vol XV)

5.10.2. Is-Sindku qal li l-ammont ta' inċidenti li kien hemm fit-toroq imsemmija jitlob li tiġi studjata l-possibiltà li Misraħ il-Parroċċa jsir dħul minn Triq il-Mellieħa biss, filwaqt li t-triq il-ġdida li hemm biswit il-misraħ issir *one-way* bil-kontra, bi dħul minn Triq Dun Manwel Grima. Sabiex ir-residenti tal-Manikata jitħallilhom aċċess dirett għall-misraħ, is-Sur J. Buttigieg ippropona li jsiru tabelli *No Entry* f'Misraħ il-Parroċċa kantuniera ma' Triq il-Mellieħa eżattament mal-ħajt ta' Ġnien iż-Żerniq, filwaqt li jsiru oħrajn fi Triq Dun Manwel Grima kantuniera ma' Triq il-Knisja l-Qadima li jindikaw "*No Entry – Except for Misraħ il-Parroċċa Parking Area Only*". Flimkien magħha għandu jkun hemm tabella bi vleġġa lejn ix-xellug sabiex traffiku ieħor jibqa' sejjer lejn it-triq il-ġdida. Magħhom għandu jkun hemm tabelli *No Entry* fi triq il-ġdida kantuniera ma' Triq il-Mellieħa u No Right Turn fi Triq il-Mellieħa kantuniera mat-triq il-ġdida.

5.10.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta skont il-minuta 5.10.2.

### 5.11.1. Sistema tal-*one-way* fit-triq tal-Wied Ta' Rdum (T/3/2/Vol XV)

5.11.2. Is-Sindku aċċenna għall-fatt li fit-triq imsemmija qed ikun hemm sewqan b'veloċità qawwija minkejja li saru l-i*speed humps* u dan qiegħed ikun ta' periklu għan-nies li jkunu deħlin bil-mixi għall-kumpless ta' Popeye Village, peress li t-triq ma fihiex bankini. Kompla jgħid li l-ħruġ mit-toroq traversi li għandhom ħitan tas-sejjieħ għoljin ma jħallux lis-sewwieqa jaraw it-traffiku li jkun għaddej. Sabiex jonqos il-volum tat-traffiku, is-Sur J. Buttigieg ippropona li d-dħul għat-triq tal-Wied Ta' Rdum jsir biss minn Triq il-Prajjet u ħruġ għal Triq il-Mellieħa. B'dan il-mod is-sewwieqa jiġu nkoraġġiti jibqgħu f'Dawret il-Mellieħa.

5.11.3. Filwaqt li ġie nnutat li jista' ikun hemm konġestjoni fi Triq il-Mellieħa fl-inħawi Tat-Tomna, il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir rakkomandazzjoni lil Transport Malta sabiex is-sistema tiġi introdotta bi prova. Kien hemm qbil li għandha ssir rakkomandazzjoni sabiex din il-parti tat-triq titwessa' billi jinqata' l-blat.

### 5.12.1. Proposti dwar arranġamenti tat-traffiku fi Triq l-Inkurunazzjoni / Triq l-Erwieħ (T/3/2/Vol XV)

5.12.2. Is-Sindku rrefer għad-diskussjoni li kien hemm fis-seduta Nru. 36 tal-4 ta' Mejju 2015 meta kien hemm qbil li għandu jiġi rakkomandat lil Transport Malta sabiex isir l-arranġament segwenti:

(a) jitwaħħlu *bollards* bil-kantina sa nofs il-*hatching* eżistenti li hemm fi Triq l-Inkurunazzjoni kantuniera ma' Triq l-Erwieħ, u

(b) jinżebgħu passi mal-art sabiex jidderieġu lill-pedestrians minn Triq l-Inkurunazzjoni fi triqthom lejn il-*playingfield*, jew xi alternattiva oħra aċċettabbli li tilħaq l-istess għan.

5.12.3. Is-Segretarju qal li minkejja r-rappreżentazzjonijiet li kienu saru, Transport Malta baqgħet lura mill-taċċetta l-arranġament propost.

5.12.4. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li għandha tibqa' issir insistenza fuq l-miżuri (a) u (b), bl-inklużjoni ta' *mini roundabout*.

### 5.13.1. Skema ta' dwal ġodda fil-parti ta' fuq ta' Triq Għajn Żejtuna (E/1/3/Vol IV)

5.13.2. Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni illi saret mill-Kunsill bil-għan li jibbenefika mill-Fond tal-Ippjanar biex jiffinanzja l-proġett imsemmi. Huwa għarraf li l-iffirmar tal-ftehim ser isir fl-4 ta' Lulju 2018.

5.13.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.14.1. Proġett "*Small Markets at the Heart of the European Union*" (P/10/25)

5.14.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-proġett imsemmi jinvolvi konferenza stampa dwar il-ħidma u l-partijiet li kienu nvoluti. Għal dan il-għan hija ppropniet li l-konferenza stampa ssir f'Misraħ il-Parroċċa fid-19 ta' Ġunju 2018 bil-parteċipazzjoni tas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Fondi Ewropej u Djalogu Soċjali l-Onor. Aaron Farrugia. Hija qalet ukoll li ġew mistiedna jattendu is-Sur Paul Cardona mill-Malta Bus Coop, is-Sur Joe S. Grech u s-Sinjura Veronica Farrugia mill-Koperattiva Rurali tal-Manikata, li t-tlieta ħadu sehem fil-proġett. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li sar video li jiġbor fiħ l-attivitajiet kollha b'rabta mal-proġett.

5.14.3. Il-Kunsill approva l-arranġamenti li saru għall-konferenza stampa u ttieħdet nota tal-appuntament.

### 5.15.1. Taħditiet dwar is-Saħħa u Prevenzjoni tal-Mard (M/8/Vol VI)

5.15.2. Il-Kunsillier J. Attard għarraf li fis-26 ta' Ġunju 2018 saret laqgħa ma' uffiċjal mid-Dipartiment tal-Kura Primarja, fejn ingħata tagħrif dwar il-programmi kollha li qed jigu offruti lill-pubbliku, mid-Direttorat bil-għan li jkun hemm aktar għarfien fuq is-saħħa. It-taħditiet li jistgħu jintagħataw jinkludu suġġett bħal mard kroniku, għajnuna għal min jixtieq jieqaf mit-tipjip u għajnuna għal min jixtieq jonqos mil- piż żejjed u jżomm dan il -piż tul ħajtu, eċċ. Kien miftiehem li l-ewwel taħdita tkun dwar in-nutrizzjoni u tingħata fiċ-Ċentru ta'Matul il-Jum.

5.15.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.16.1. Ftehim dwar in-*Night Shelter* għall-anzjani (A/1/2/Vol IV)

5.16.2. Il-Kunsillier J. Attard għarraf li fl-10 ta' Lulju 2018 ser issir laqgħa ma' uffiċjali mid-Dipartiment għall-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità sabiex ikun hemm ftehim li jirregola ir-relazzjoni tal-Kunsill Lokali f'dak li jirrigwarda t-tmexxija ta' din il-faċilità.

5.16.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.17.1. Titjib fis-servizz mogħti mil-Librerija Pubblika** **(L/4/Vol III)**

5.17.2. Il-Viċi Sindku D. Vella għarraf li l-Librerija Pubblika tal-Mellieħa ser tibda tinfetaħ nhar ta' Sibt matul is-sajf, bi spejjeż mid-Dipartiment tal-Libreriji. Is-Sur Vella ppropona inizjattivi li għandhom jittieħdu biex ikompli jitjieb is-servizz mogħti mil-librerija, li jinvolvu:

(a) Installazzjoni tal-*air conditioner*;
(b) Imwejjed ġodda u żieda ta' xkaffar;
(c) Servizz ta' wi-fi;
(d) Sinjal ta' direzzjoni fi Triq Qasam Barrani kantuniera ma' Triq Vincenzo Ciappara; u
(e) Promozzjoni fuq il-mezzi soċjali.

5.17.3. Dwar il-proposta (a) is-Sindku kkummenta li l-installazzjoni ta' *air conditioner* teħtieġ approvazzjoni tal-awtoritajiet tal-Edukazzjoni, peress li l-liberija tinsab fi skola.

5.17.4. Rigward iċ-(ċ), saret referenza għall-iskema mħabbra mill-Awtorità Maltija tal-Komunikazzjoni f'Novembru 2011, dwar servizz ta' wi-fi fil-libreriji pubbliċi lill-Kunsilli Lokali b'rata speċjali ta' €280 fis-sena. Minkejja li l-Kunsill kien wera nteress fiha, ma kien hemm hemm ebda rispons mill-Awtorità konċernata.

5.17.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-proposti (b), (d) u (e) jistgħu jiġu trattati mingħajr problemi.

5.17.6. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li kopja tal-pubblikazzjonijiet li għamel l-Kunsill permezz tal-Kullana Kulturali għandhom jingħataw lil librerija li hemm fid-Dar tal-Anzjani.

5.17.7. Il-Kunsill approva l-proposta skont il-minuta 5.17.6.

## 6.0. Materji fuq l-Aġenda

**6.1. Proposta mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura sabiex titwaqqaf żona għall-akwakultura fit-tramuntana tal-Ġżejjer Maltin** **(T/8)**

6.2. Għal din il-parti tas-seduta attenda is-Sur Adrian Mallia minn Adi Associates li ġew inkarigati mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura sabiex jitfassal *Environment Impact Statement* dwar il-proġett propost. Is-seduta ġiet sospiża sabiex ikun hemm ikun jista' isir l-intervent mis-Sur Mallia.

6.3. Is-Sur Mallia spjega li l-iskop tal-applikazzjoni li saret mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura hija sabiex tinħloq żona fit-tramuntana ta' Malta, 5 kilometri 'il barra mill-kosta bil-għan li l-*fishfarms* tat-tonn ta' Azzopardi Fisheries ikunu jistgħu jiċċaqalqu minn fejn jinsabu bħalissa u joperaw minn ġo fiha. Ingħatat attenzjoni sabiex iż-żona ma tidħolx fuq dik użata għall-eżerċizzji tal-Armata u dik użata għall-bunkering. Għaldaqstant saret applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jiġi kkunsidrat il-post, filwaqt li jkun hemm permess ieħor li jinħareġ mill-Awtorità tar-Riżorsi u l-Ambjent dwar l-operat tal-*fishfarm*.

6.4. Ġie spjegat li attwalment Azzopardi Fisheries qed joperaw taħt permess temporanju sakemm tiġi determinata l-applikazzjoni li saret mid-Dipartment tas-Sajd u Akwakultura. It-talba għandha tinvolvi tliet konsiderazzjonijiet ewlenin, ossija dik teknika, ambjentali, u soċjali. Fil-każ tal-aħħar tinvolvi aspetti bħalma huma t-turiżmu, is-sajd, eċċ. Għaldaqstant Adi Associates qed jagħmlu kuntatti ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-għaddasa u s-sajjieda.

6.5. Kien spjegat li l-International Commission for the Conservation of Atlantic Tunas (ICCAT) tirregola l-kwoti fuq is-sajd tat-tonn u fil-każ ta' Malta din attwalment hija 3,300 tunnellata. Il-Kunsillier J. Azzopardi staqsa dwar jekk tikbirx iż-żona mogħtija kemm il-darba tiżdied il-kwota. Is-Sur Mallia qal li ż-żona nvoluta fl-applikazzjoni fiha 3 km tul u bi 1.5 km wisa' u għalhekk hija meqjusa bħala sostenibbli u tista' takkomoda żieda fil-kwota attwali u hija ntiżża biex tippermetti operaturi oħra apparti Azzopardi Fisheries. Is-Sur Mallia qal li d-daqs ta' din

iż-żona jista' jinbidel skont id-direzzjoni li tingħata mid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akwakultura.

6.6. Saret il-mistoqsija dwar kif jista' jiġi affettwat qiegħ-il baħar b'din it-tip ta' operazzjoni. Is-Sur Mallia wieġeb bejn staġun ta' tkabbir u ieħor ikun hemm żmien biżżejjed biex il-qiegħ tal-baħar taħt il-gaġeġ jirkupra bil-kurrenti li jkun hemm.

6.7. Meta kompliet is-seduta kien hemm qbil li Adi Associates għandhom jgħaddu l-aktar konsiderazzjonijiet importanti li wieħed għandu jikkonsidra u l-Kunsill ikun jista' jikkummenta dwarhom.

## 7.1. Attivitajiet fl-okkażjoni tal-25 Anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsill – Produzzjoni ta' *Musical* (A/5/3/Vol XIII)

7.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li għaddejjin il-kuntatti dwar il-*musical* mal-kompożitur is-Sur Philip Vella u anke ġie stabbilit ix-xogħol li jrid isir, inkluż l-kantanti ewlenin u l-kor li jridu jieħdu sehem skont il-partijiet inklużi fil-lirika ta' Paul P. Borg – "Naħal tal-Imħabba" – dawn ser ikunu s-segwenti:

- Dario Bezzina (Prim kantant - Għarus)
- Mary Ann Muscat (Mara anzjana)
- Miriam Christine Borg (Mara ta' karnaġġjon ismar)
- Annabelle Vella (Prim kantanta - Għarusa)

7.3. Flimkien magħhom ser ikun hemm kanżunetta kantanta minn Gaetano Sultana u kor magħmul minn diversi elementi Melleħin.

7.4. Ġie spjegat li l-produzzjoni tal-*musical,* minn naħa tal-kompożitur, tinvolvi l-kitba ta' 38 kanzunetta u r-*rehearsals* liema xogħol ser ikun imqassam fuq medda ta' sitt xhur u huwa stmat li jiswa €3,450. Huwa kkalkulat li l-arranġamenti mużikali, l-editjar, *mixing* u ġabra tal-kanzunetti kollha fuq *compact disc* jinvolvu spiża ta' €3,000 oħra, li ukoll tkun mifruxa fuq medda ta' sitt xhur. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-ispiża tal-kantanti ewlenin għadha mhux magħrufa, filwaqt li mhux mistenni li l-kantanti l-oħra jitolbu ħlas għas-servizzi tagħhom.

7.5. Is-Sindku qal illi minħabba l-impenji li għandu wieħed mill-kantanti, id-dati meta jsiru rappreżentazzjonijiet tal-*musical* huma possibbli s-Sibt u l-Ħadd, 8 u 9 ta' Diċembru 2018.

7.6. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li minħabba raġunijiet ta' ħin, l-lirika kif ppreżentata mis-Sur Paul P. Borg kellha titqassar, iżda talab li għandu jinstab mezz kif it-test kollu jiġi ppubblikat fi ktieb. Is-Sindku ppropona li dan isir permezz tal-Ħannieqa Kulturali.

7.7. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li s-Società Filarmonica La Vittoria tixtieq tikkontribwixxi għall-dan l-avveniment permezz ta' wirja fis-sede tagħha u bil-kunċert annwali tagħha li huwa ppjanat għal nhar is-Sibt l-1 ta' Diċembru 2018, li normalment isir fil-lukanda Seabank. Is-Sur J. Buttigieg qal li l-membri tal-kumitat tas-soċjetà ppproponew li dan ikun edizzjoni speċjali kemm-il darba jkun hemm kontribuzzjoni finanzjarja minn naħa tal-Kunsill.

7.8. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-Kumitat Sezzjonali tal-Partit Nazzjonali qabel li jagħti l-kontribut tiegħu għal dan l-avveniment u ser ikun qed iressaq il-proposta tiegħu aktar 'il quddiem.

7.9. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u approva l-ispejjeż imsemmija fil-minuta 7.4. aktar 'il fuq.

## 8.1. Sejħa għall-offerti dwar l-introduzzjoni ta' dwal dekorattivi fi Triq Dun Manwel Grima u Triq ir-Raħħala fil-Manikata (E/1/3/Vol IV)

8.2. Is-Segretarju għarraf li s-sejħa għalqet fil-31 ta' Mejju 2018 u kien hemm offerta waħda biss li saret minn Mica Med Ltd u tammonta għal €30,970 bil-VAT inkluża. Huwa talab li jinħatar ta' Kumitat ta' Evalwazzjoni.

8.3. Il-Kunsill qabel li l-Bord ta' Evalwazzjoni jkun kompost mis-Sindku J. Buttigieg u l-Kunsillieri A. Brincat Stellini u E. Bartolo, bħala membri. Kien hemm qbil li għandu jsir rapport tekniku mill-contract managers fuq id-dwal tat-toroq – Galea Curmi Engineering Consultants.

## 9.1. Sejħa għall-offerti dwar il-kiri ta' vettura *pickup double cab* b'emissjonijiet baxxi (V/3)

9.2. Is-Segretarju għarraf li fuq parir tal-Kumitat tal-Evalwazzjoni, is-Sejħa MLC 3/2018 ġiet ikkanċellata, peress li ħadd mill-offerenti ma laħaq il-kriterju dwar l-emissjonijiet stabbilit fil-Linji Gwida Nazzjonali tal-*Green Public Procurement.* Wara konsultazzjonijiet mal-Uffiċċju tal-GPP ġie stabbilit li s-sejħa għandha ssir mill-ġdid bir-rikwiżit li l-vettura tkun EURO V. Is-Sur C. Debono qal li s-sejħa reġgħet inħarġet fit-8 ta' Ġunju u ser tagħlaq fit-13 ta' Lulju 2018.

9.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

## 10.1. Tismija ta' triq li tinsab bejn Triq il-Fortizza u Triq Salvu Camilleri (T/4/1/Vol III)

10.2. Il-Kunsillier J. Azzopardi ssuġġerixxa li t-triq tissemma "Triq it-Telekomunikazzjoni" minħabba li hemm l-exchange tat-telefon fil-qrib, jew "Triq id-Deru", peress li fil-qrib jeżistu toroq imsemmija għall-pjanti.

10.3. Is-Segretarju ppropona l-isem ta' "Triq il-Quċċata" peress li dik iż-żona f'Tas-Salib tinsab fl-għola parti tal-Mellieħa.

10.4. Il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir rakkomandazzjoni lill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq sabiex jingħata l-isem ta' "Triq id-Deru".

## 11.1. Nominazzjonijiet għall-Onorefiċenzi tal-Ġieħ u Rikonoxximent (A/5/3/1/Vol XVI)

11.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li kien hemm 21 nominazzjoni li tressqu minn ħames proponenti differenti skont kif jidher hawn taħt:

| Proponent | Nominat |
|---|---|
| Għaqda Mużikali Imperial | Damien Buhagiar |
| Societa` Filarmonica La Vittoria | Mro. Joe Vella |
| Mellieħa Sports Club | Alfred Vella Borg |
| Ċentru Laburista - Mellieħa | Michael Buttigieg |
| | John Sammut |
| | Għaqda tan-Nar Maria Bambina Mellieħa |
| | GħKNK - Mellieħa |
| | Adrian Buttigieg |
| | Joseph Vella (Intraprenditur) |
| Uffiċċju tal-Partit Nazzjonalista - Mellieħa | Mellieħa Athletic |
| | Joseph Fenech |
| | Dr Anna Borg |
| | Emmanuel Galea |
| | Ray (Zazu) Farrugia |
| Cutajar Robert | Għaqda tan-Nar Maria Bambina Mellieħa |
| | Philip Vella |
| | Mro Joseph Vella |
| | Noel Vella |
| | Familja Aquilina |

| | |
|---|---|
| | Gaetana Pace |
| | Ray (Zazu) Farrugia |
| | Maria Bartolo |
| Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti - Mellieħa | Frans Borg |

11.3. Is-Sindku ppropona li l-Bord ta' Rakkomandazzjoni jkun kompost kif ġej:

- Grazio Barbara – Chairman
- John Buttigieg – Sindku - Membru
- Hilary Fenech – Kunsillieri -Membru
- Margaret Cutajar - Membru
- Carmen Walls- Membru
- Carmel Debono – Segretarju Eżekuttiv

11.4. Il-Kunsill approva l-proposta tas-Sindku.

## 12.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

12.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 16 ta' Ġunju 2018.

12.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* kollha skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

12.4. Tressqet skeda ta' pagamenti li saru permezz tal-*petty cash* bejn il-25 ta' Mejju u t-12 ta' Ġunju 2018.

12.5. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn is-27 ta' Mejju u l-15 ta' Ġunju 2018.

12.6. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha fit-tliet skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieħa/Pages/Publications/Minutes.aspx

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-10:20 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 9 ta' Lulju 2018 fis-6.00 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**